**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 13 ta' Mejju 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 13

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 13 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali kif ukoll permezz ta' ZOOM nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2020 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
13.5 Rapporti;
13.6 Evalwazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Evalwaturi dwar Tender for the Embellishment of Ġnien Dama Cecilia Pick (Ġnien tal-Warda) at Qrendi;
13.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
13.8 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
13.9 Aġġornament dwar ix-xogħolijiet fi Triq it-Tempesta minn Infrastruttura Malta;
13.10 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
13.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-13-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

*Importanti ninnutaw li għal din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon biss kienu fiżikament preżenti fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Patrick Bugeja, flimkien mal-Kunsillieri Marion Parnis, Charles Zerafa u Daniel Farrugia, u l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri ħadu sehem fil-laqgħa permezz ta' video conferencing. Dan sar minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li ħakmet lil Malta u lid-dinja fl-aħħar xhur.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

13.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

13.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

13.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

13.2.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li bi żvista ma tniżżilx il-punt li qajjem hu li mal-bieb tal-antiporta tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jsir plastik jew perspex sabiex l-impjegati tal-Kunsill Lokali jkunu protetti aktar.

13.2.2 Il-Minuti tal-11-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

13.2.2.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 13.3, 13.4 u 13.5 jiġu diskussi wara Minuta 13.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

13.6 **EVALWAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-EVALWATURI DWAR TENDER FOR THE EMBELLISHMENT OF ĠNIEN DAMA CECILIA PICK (ĠNIEN TAL-WARDA) AT QRENDI**

13.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-sejħa għall-offerti għalqet u b'kollox hemm tmien offerenti.

13.6.2 Qal li kien hemm bżonn ta' xi kjarifiċi u dawn intbagħtu lill-offerenti u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

issa rridu nistennew ħamest ijiem tax-xogħol biex jirrisponduna.

13.6.3 Żied li allura r-rapport ser jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss minħabba li sa dakinhar l-evalwazzjoni u r-rapport ikunu lesti.

## 13.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

13.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'dan l-aħħar xahar bilkemm sar xi tip ta' żvilupp minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

13.7.2 Jidher li l-ħaddiema Taljani marru l-Italja għall-vaganzi tal-Għid il-Kbir u spiċċaw weħlu fil-pajjiż minħabba l-coronavirus u r-restrizzjonijiet imposti mill-pajjiż.

13.7.3 Qal li kultant qiegħed ikun hemm il-kuntrattur ma' xi ħaddiem jew tnejn biex jagħmlu xi xogħol ħafif imma fil-verità x-xogħol jinsab pjuttost wieqaf.

13.7.4 Żied li fl-aħħar jiem saret laqgħa ma' rappreżentanti mid-Dipartiment tas-Saħħa tal-Kura Primarja u dawn urew ix-xewqa li fil-Berġa minflok tieqa waħda jkun hemm tnejn sabiex kull cubicle jkollha tieqa.

13.7.5 Spjega li diġà tkellem mal-Perit tal-proġett, u biex issir din it-tieqa jrid jiddaħħal aġġustament quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar li jrid jiġi approvat u allura dan jista' jwaqqafna xi ftit ukoll.

13.7.6 Is-Sindku kompla li saħansitra wasal jissuġġerixxi jekk għandux jinstab post ġdid għall-Berġa lokali minħabba li dawn iridu joffru aktar servizzi u li probabbli xorta waħda l-Berġa ser tkun żgħira.

13.7.7 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet x'servizzi hemm il-ħsieb li jiġu offruti ġaladarba titlesta l-Berġa, u s-Sindku wieġbu li s'issa għadu ma jafx x'inhu l-ħsieb tagħhom.

13.7.8 Spjega li s'issa l-Berġa lokali kienet qed tintuża' minn tabib, nurse, kif ukoll speech therapist.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

13.7.9 Qal li hu jixtieq li kieku jiġu offruti servizzi differenti, u għandu mnejn dawn ikunu jistgħu jiġu offruti fi ġranet differenti.

## 13.8 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

13.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'dan il-każ jista' jkun li għandna saga oħra, u nittamaw li ma nispiċċawx bħalma spiċċajna fuq iċ-Ċentru Ċiviku.

13.8.2 Spjega li t-tender rebħitu kumpanija Taljana li sfortunatament ma kellhomx bennej tal-ħitan tas-sejjieħ approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

13.8.3 Qal li oriġinarjament konna ltqajna qabel ma faqqgħet il-pandemija tal-coronavirus, u meta ntlaħaq ftehim ma' bennej Malti sabiex jaħdem hu fuq il-ħajt, waslet l-imxija f'pajjiżna.

13.8.4 Spjega kif xahar ilu saret laqgħa fuq il-post bejn il-partijiet konċernati, minbarra l-kuntrattur Taljan li jinsab fl-Italja u ma jistax jivvjaġġa minħabba r-restrizzjonijiet tal-pajjiż.

13.8.5 S'issa nbena ħajt wieħed bħala prova sabiex nagħmlu ċert li jkun approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar u s-Sovvratidenza tal-Wirt Kulturali, imma kellna l-problemi għaliex hemm xi sidien tal-għalqa li ma jriduhx u oħrajn li jriduh jitkompla.

13.8.6 Żied li dħalna ftit 'il ġewwa f'din l-għalqa u dan urta lil xi sidien li litteralment iridu li jitneħħa kollox u ma jsir xejn.

13.8.7 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa għaliex sar hekk meta s-soltu, meta jinqala' ħajt tas-sejjieħ, dan jerġa' jittella' fuq il-pedamenti ta' dak li kien hemm qabel u mhux jidħlu 'l ġewwa fl-għalqa.

13.8.8 Is-Sindku wieġeb li sfortunatament dal-ħajt kien kważi spiċċut għalkollox, u minħabba li kien hemm ħafna ġebel li ntilef matul iż-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

żmien, il-pedament kien kważi spiċċut għalkollox ukoll, u allura kien għalhekk li l-bennej daħal ftit 'il ġewwa sabiex jibni pedament sod.

13.8.9 Qal li rridu naraw kif ser nibqgħu mas-sidien, imma jekk naraw li ma nistgħux naslu, ikun għaqli li noħorġu minn hemm u nneħħu kollox u nibdew biċċiet oħra tal-istess proġett.

## 13.9 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦOLIJIET FI TRIQ IT-TEMPESTA MINN INFRASTRUTTURA MALTA

13.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-siġar li kien hemm fil-bidu ta' Triq it-Tempesta, qrib ir-roundabout prinċipali tal-Qrendi, inqalgħu u tħawlu xi mkien ieħor.

13.9.2 Qal li din kienet rikjesta mingħand l-ERA u Infrastruttura Malta kellha timxi ma' din ir-rikjesta.

13.9.3 Spjega kif bħala Kunsill Lokali diġà konna ma qbilniex mal-qlugħ ta' dawn is-siġar, imma ma stajna nagħmlu xejn.

13.9.4 Żied li meta tħawlu fiż-żona ta' Triq il-Karwija, dawn spiċċaw mietu imma minbarra dawn is-siġar tħawlu numru akbar ta' siġar ġodda.

13.9.5 Qal li s-siġar li tħawlu ġodda qegħdin jikbru b'mod sodisfaċenti imma sadanittant spiċċajna fuq il-media għaliex kien hemm min qal li qed neqirdu s-siġar.

13.9.6 Spjega li għalkemm kellna din l-akkuża, ħadd ma investigana għax kulħadd jaf li dejjem ħdimna b'għaqal u dejjem ħarisna l-ambjent u kienet l-ERA stess li riedet li s-siġar jinqalgħu u jerġgħu jitħawlu.

13.9.7 Is-Sindku tkellem dwar il-bus shelters li ser isiru fi Triq it-Tempesta.

13.9.8 Qal li b'kollox kien hemm żewġ bus shelters tal-ġebel, li wieħed ilu li nqala', dak li kien kantuniera ma' Triq il-Warda, u issa nqala' dak li kien kantuniera ma' Triq il-Kartaġiniżi.

13.9.9 Spjega li Faces Ltd, il-kumpanija li qed tieħu ħsieb il-bus shelters suppost kellha tapplika għad-dawl filwaqt li Infrastruttura Malta kellhom jagħmlu l-pjattaforma ta' taħt.

13.9.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar is-servizzi li jridu jingħaddu mis-service road li ser issir ġdida.

13.9.11 Qal li minħabba li qed tinbena t-triq, kemm il-Water Services Corporation u anke d-Drainage Department iridu jgħaddu s-servizzi tagħhom, imma filwaqt li għaddej dan kollu l-Awtorità tal-Ippjanar qalet li hemm problema bil-linja tal-bini u jridu jsolvuha qabel jitkompla x-xogħol.

## 13.10 <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI</u>

13.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li tkellem mad-Direttur tal-Animal Welfare sabiex jikkjarifika kif ser timxi din l-iskema.

13.10.2 Qal li apparti l-lista tal-cat feeders, hemm bżonn li jkollna tliet kwotazzjonijiet dwar ħlasijiet għat-tiswija tal-annimali u ċ-chipping.

13.10.3 Semma' li ġaladarba jkollna l-kwotazzjonijiet f'idejna, il-cat feeders irreġistrati jistgħu jmorru bil-qtates għand il-veterinarju magħżul, u wara li dawn jissewwew iridu jiġu rreġistrati fuq il-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

13.10.4 Spjega li wara dan il-proċess, il-veterinarju jkun jista' jidentifika kemm ser jiekol il-qattus bejn wieħed u ieħor matul sena, u allura kemm kull feeder ikollu bżonn ikel biex jitma lill-annimali.

13.10.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li mkien fuq il-kuntratt mhemm miktub li jistgħu jiġu mitmugħa biss il-qtates li jkunu msewwija u ċċippjati.

13.10.6 Qalet ukoll li diġà tkellmet mal-cat feeders biex jibda jsir in-neutering tal-qtates, imma ħafna qed iżommu lura minħabba l-pandemija tal-

coroanvirus.

13.10.7 Staqsiet jekk huwiex possibbli li nitolbu estensjoni tal-kuntratt għax minħabba s-sitwazzjoni ta' bħalissa ser ninqabdu xi ftit b'lura.

13.10.8 Il-Kunsilliera Parnis ipproponiet li nitolbu estensjoni għall-kuntratt, filwaqt li s-Sindku David Schembri ssekonda

13.10.9 Fissret li diġà għandha żewġ persuni li lesti jibdew jieħdu l-qtates għan-neutering, u persuna oħra li lesta żżommhom ftit sakemm jirkupraw wara l-operazzjoni.

13.10.10 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 13.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

13.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ħajt li twaqqa' fi Triq San Mattew kantuniera ma' Triq Ħaġar Qim ġie rrappurtat wara l-laqgħa li għaddiet.

13.3.1.1 Qal li dan ġie rranġat imma nnota kif ix-xatba waqgħet imbagħad reġgħet tqiegħdet f'postha.

13.3.2 Is-Sindku tkellem dwar in-numri tal-bibien ta' barra fi Triq San Nikola u l-Kunsilliera Marion Parnis qalet li għadha trid tibgħat ir-ritratt tal-bieb ikkonċernat.

13.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ittra li trid tintbagħat lir-residenti ta' Triq il-Pirinej, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud u Triq Dun Nerik Mahoney.

13.3.3.1 Qal li wasal iż-żmien li tintbagħat ittra dwar kif jinġabar l-iskart fil-lokalità għax qiegħed ikollna diversi problemi.

13.3.3.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li tkellmet ma' xi residenti u ppruvat tispjega lir-residenti ta' Triq it-Tabib Gregorio Mifsud dwar il-ħinijiet fi x'ħin jinġabar l-iskart, u fadal xi residenti xi tkellem.

13.3.3.3 Is-Sindku qal li qed nagħmlu dak kollu possibbli biex nippruvaw

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

inżommu l-Qrendi nadif, imma qed nispiċċaw niġru dejjem wara l-kuntrattur biex it-tindif isir sew.

13.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-isqaqien ta' Triq is-Salvatur, u qal li s'issa ma smajna xejn dwar it-tender li beħsiebu jkun ippubblikat mill-Korporazzjoni tal-Ilma.

13.3.5 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif u restawr li sar fuq statwi differenti madwar il-lokalità tal-Qrendi li saru bl-għajnuna tal-Ministeru tat-Turiżmu.

13.3.5.1 Qal li nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju ser ikun hemm tnedija mill-Ministeru tat-Turiżmu f'Misraħ il-Maqluba dwar it-Turiżmu Reliġjuż.

13.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq Rokku Buhagiar, quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija.

13.3.6.1 Qal li din it-triq hija problematika għaliex kull darba qed tiġi rranġata u terġa' tinżel.

13.3.6.2 Fisser kif darba wara l-oħra qed ngħidu li dan ix-xogħol irid isir kollu mill-ġdid, u suppost dil-ġimgħa kellu jibda x-xogħol.

13.3.6.3 Żied li matul din il-ġimgħa sirna nafu li x-xogħol kellu jiġi sospiż minħabba li nstab li hemm problema fid-drenaġġ quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, u allura qabel isir xi xogħol iridu jsewwu dil-problema.

13.3.7 Is-Sindku tkellem dwar wires tal-kumpanija GO fi Triq Wied iż-Żurrieq.

13.3.7.1 Qal li dawn ilhom sena li tqaċċtu minn trakk li kien għaddej miż-żona u wara daż-żmien kollu għadhom ma ġewx irranġati.

13.3.7.2 Spjega kif issa wasal iż-żmien li nibagħtu ittra legali lill-kumpanija GO biex dawn jiġu rranġati għax qed jipperikolaw il-ħajja tal-individwi.

13.3.8 Is-Sindku tkellem dwar 'Ġebla Tiċċaqlaq' f'Wied iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

13.3.8.1 Qal li hawnhekk għandna problema kbira minħabba li ħiereġ id-dranaġġ u jidher li hemm min qed jabbuża.

13.3.8.2 Spjega kif il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Cleansing Services Department qed jippruvaw jgħinu, u rridu naraw kif ser nibqgħu.

13.3.9 Is-Sindku tkellem dwar lampi tad-dawl ġodda li qed jiġu nstallati fil-lokalità.

13.3.9.1 Qal li qed ninnutaw li qed jiġu installati numru ta' lampi ġodda, u dan l-aħħar ġew installati erba' lampi fi Triq Ħas-Sejjieq.

13.3.9.2 Spjega li dawn il-lampi l-Kunsill Lokali preċedenti kien oġġezzjona għalihom imma issa qabdu u saru.

13.3.9.3 Fisser li l-problema tinqala' meta l-lampa tinqata' u meta nirrappurtawha lill-Enemalta ma jkunux iridu jibdluha għax jgħidulna li mhix imniżżla fuq il-lista tagħhom.

13.3.10 Is-Sindku tkellem dwar l-għeluq tal-village core matul tmiem il-ġimgħa, aħbar li ħarġet fuq l-aħbarijiet mingħajr ma l-Kunsill Lokali kellu ċans jiddiskutiha.

13.3.10.1 Qal li min-naħa tiegħu kien avviċinat imma kliemu kien li xtaq jitkellem mal-Kunsillieri qabel tingħata deċiżjoni, imma sfortunatament issemmejna fuq l-aħbarijiet qabel ma ttieħdet deċiżjoni interna.

13.3.10.2 Spjega li xorta waħda ma jafx liema parti tal-Qrendi jixtiequ li tingħalaq matul il-ġurnata tal-Ħadd u allura m'għandux aktar informazzjoni.

13.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-pandemija tal-Covid-19 u qal li bl-aħħar miżuri li rrilaxxa l-Gvern jista' jagħti l-każ li ser ikollna problema.

13.3.11.1 Qal li wieħed irid iħares lejn Wied iż-Żurrieq għax hemmhekk hemm diversi ristoranti żgħar u li allura probabbli jispiċċaw jarmaw barra.

13.3.11.2 Dan ifisser li jista' jkun minn nhar il-Ġimgħa jkollna numru ta' sidien li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

joħorġu l-imwejjed u siġġijiet barra u jkomplu jiżgumbraw it-toroq ta' din iż-żona.

13.3.12 Is-Sindku tkellem dwar l-Audited Financial Statements 2019 u qal li erġajna nqabdna lura kemm minħabba l-awdituri u anke minħabba l-accountant.

13.3.12.1 Qal li min-naħa tagħna qed nagħtuhom l-informazzjoni kollha li qed jitolbuna, imma kull darba li nwieġbu fuq xi ħaġa, jistaqsuna fuq xi ħaġa oħra.

13.3.12.2 Spjega li din id-darba mhux lest li joqgħod kwiet kif qagħad fl-aħħar sentejn u ċċara li jekk hemm bżonn anke jagħmel stqarrija uffiċjali.

13.3.13 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4 – Green Infrastructure tal-GAL Xlokk.

13.3.13.1 Qal li dan huwa proġett li ser ikompli jsebbaħ lill-Qrendi b'siġar, bankijiet u materjal ieħor.

13.3.13.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis ipproponiet li s-Sindku għandu jkun il-leader ta' dan il-proġett filwaqt li l-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda.

13.3.13.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 13.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

13.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar it-toqob tal-arbli tal-festi fi Triq it-Tempesta li jintużaw miż-żewġ Soċjetajiet għall-armar tal-festi.

13.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li wara l-laqgħa li saret mas-Soċjetà Filarmonika Lourdes mal-ewwel intbagħtet l-e-mail imma ma kellniex risposta mingħand Infrastruttura Malta.

13.4.1.2 Qal li erġajna bagħtna reminder, u l-Perit Graziella Galea kkonfermat li taf li jridu jsiru t-toqob imma staqsiet meta ser jarmaw minħabba l-festa.

13.4.1.3 Jidher li Infrastruttura Malta ser ikunu qed jagħmluhom max-xogħol li jrid isir fit-triq, imma minħabba li din is-sena mhux ser jiġu ċċelebrati festi, mhumiex jgħaġġlu daqshekk ħalli ma jitfgħux pressjoni żejda.

13.4.1.4 Ikkonferma li hu ppropona lill-Perit Galea sabiex titkellem mas-Soċjetajiet dwar dan imma jidher li dawn ser isiru max-xogħolijiet li jkunu għaddejjin.

13.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar Triq Ġużè Cassar u qal li hemm numru ta' zkuk li qegħdin mitluqa f'għalqa fejn qegħdin isiru x-xogħolijiet.

13.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dawn iz-zkuk iridu jinġabru minn dawk li qed jagħmlu x-xogħolijiet, għax fl-aħħar mill-aħħar il-proġett huma qed jagħmluh.

13.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-qtugħ tal-ħaxix madwar il-lokalità u staqsa kif dan qiegħed jipproċedi.

13.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li bħalissa qed jinqata' l-ħaxix madwar il-lokalità u bħalissa qed nieħdu ħsieb iż-żona ta' Ħal Lew minħabba li hemm ħafna ħaxix u rridu nieħdu ħsiebu wkoll.

13.4.3.2 Qal li minħabba li kellna informazzjoni li l-kmamar tan-nar kienu ser jingħataw permess jaħarqu lejlet u nhar il-festa, allura bdejna niffukaw ukoll fuq iż-żona ta' Ħal Lew sabiex jekk jinħaraq xi nar ma jqabbadx kullimkien.

13.4.3.3 Spjega li bil-mod il-mod il-lokalità ser issir kollha kemm hi, imma eventwalment malli jkun lest kullimkien ikunu jistgħu jerġgħu jibdew għax il-ħaxix jerġa' jibda tiela'.

13.4.3.4 Żied li minn mindu l-ELC neħħew lill-ġardinar li kellna appuntat għall-Qrendi, kibret il-problema għaliex ix-xogħol li kien jagħmel hu spiċċaw qed ikollhom jagħmluh il-ħaddiema tal-RSSL.

13.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa dwar mera li hemm imkissra fi Triq il-Panorama u jekk din tistax tinbidel.

13.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li hemmhekk kien hemm żewġ mirja imma xi ħadd

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jidher li kissirha u saru s-sinjali biex jiġi ddirezzjonat it-traffiku.

13.4.4.2 Il-Viċi Sindku ppropona li din il-mera għandha ssir mill-ġdid u s-Sindku qal li fil-verità m'għandux oġġezzjoni li ssir imma ċertament li ser issir għalxejn.

13.4.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li jekk il-frieghi qegħdin 'il barra fit-triq, allura r-responsabbilità taqa' fuqna u nistgħu naqbdu u naqtgħuhom u mhux nistennew lis-sid jaqtagħhom hu.

13.4.4.4 Is-Sindku wieġeb li l-problema qed tkun li ħadd mhu jilmenta li dawn il-frieghi qegħdin 'il barra għax mhuma jdejqu lil ħadd imma fuq mera nilmentaw għax taqdina personali.

13.4.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-bankina ta' Triq il-Biżantini, quddiem ħanut partikolari.

13.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn li ssir laqgħa fuq il-post sabiex naraw u niddiskutu l-problema.

13.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar id-dawl li sar fi Triq Ħas-Sejjieq u xtaqet tkun taf għaliex il-Kunsill Lokali ma jaċċettax ċertu talbiet.

13.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali kellu lista ta' madwar tletin talba għal-lampi ġodda fiż-żona rurali tal-villaġġ u ma kienx qed jaċċetta li jsiru lampi ġodda.

13.4.7 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri staqsa dwar jekk fil-futur jistax isir video li juru x-xogħol li jagħmlu l-Kunsillieri, kif ukoll dak li jsir fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

13.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li din m'għandiex tkun problema, anzi hija inizjattiva sabiħa, u li forsi wieħed jista' jaħseb sew fuqha ġaladarba tgħaddi l-pandemija tal-coronavirus.

13.4.7.2 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ qal li bħala Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ser ikunu qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 13.5 RAPPORTI

13.5.1 Ma sar l-ebda rapport mill-Kunsillieri preżenti.

## 13.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

13.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €29,720.66 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/20 u €55.12 skont il-*Petty Cash* Ref X/04.

13.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

13.11.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

13.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 13.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

13.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ġunju fil-5:30pm.

13.12.2 Ġie deċiż li l-laqgħa ser issir permezz ta' Zoom.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |